MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 788/2001/1

**Seduta tat-30 ta' Mejju 2003**

**Citazzjoni numru 788/2001 GC**

**Agrimed Limited**

**vs**

**Santino Micallef u martu Lara Micallef**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi l-konvenuti ghandhom jaghtu is-socjeta attrici is-somma ta’ elfejn mija disgha u erbghin liri maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm2149.26), bilanc ta’ somma akbar, prezz ta’ prodotti varji mibjugha bl-ingross mis-socjeta attrici lill-konvenuti, skond l-annessa fattura datata 5 ta’ Gunju 1998 (Dok A), rilaxxjata mis-socjeta attrici fir-rigward ta’ l-istess konvenuti, kif ukoll l-imghaxijiet mid-data ta’ l-istess fattura, cioe’ mill-5 ta’ Gunju 1998, sal-hlas effetiv;

Illi nonostante illi s-socjeta attrici talbet lil-konvenuti sabiex ihalsu dan il-bilanc anke permezz ta’ ittra legali datata 27 ta’ Novembru 2000 (Dok B) u permezz ta’ ittra ufficjali datata 5 ta’ Dicembru 2000 (Dok C), il-konvenuti xorta baqghu inadempjenti;

Illi d-debitu fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u ghaldaqstant fil-fehma tas-socjeta attrici huwa l-kaz li dina l-Qorti tghaddi sabiex tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u dana a tenur ta’ Artikolu 167 tal-Kodici ta’ l-Orginazzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m’ghandhiex din il-Qorti:-

Tghaddi sabiex tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u dana a tenur ta’ l-imsemmi Artikolu 167 tal-Kodici ta’ L-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Tiddikjara li l-konvenuti ghandhom jaghtu lis-socjeta attrici s-somma ta’ elfejn mija disgha u erbghin liri maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm2149.26), bilanc ta’ somma akbar, prezz ta’ prodotti varji mibjugha bl-ingross mis-socjeta

attrici lill-konvenuti skond l-annessa fattura datata 5 ta' Gunju 1998, (Dok A), rilaxxjata mis-socjeta attrici fir-rigward ta' l-istess konvenuti, kif ukoll l-imghaxijiet mid-data ta' l-istess fattura, cioe' mill-5 ta' Gunju 1998, sal-hlas effettiv;

Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-ammont hekk dovut lis-socjeta attrici;

Bl-ispejjes, inkluzi l-ispejjes ta' l-ittra legali datata 27 ta' Novembru 2000, ta' l-ittra uffiicjali datata 5 ta' Dicembru 2000 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatarju li qed jigi pprezenatat kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-konvenuti li gew ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista atx-xhida taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccpit :-

1 Illi t-talbiet tas-socjeta attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes ghaliex mhux dovut xejn mill-eccipjent;

2 Illi infatti li gara kien li l-konvenut accetta li ihallu oggetti, taghom fil-garaxx tieghu sakemm ibieghuh l-istess atturi. Dawn ghadhom fil-garaxx, eccetto dawk li effetivament inbieghu;

3 Illi f'kull kaz il-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex it-transazzjoni imsemmija saret fi zmien meta l-eccpijienti kienu mhux mizzewgin;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tas-socjeta attrici li biha rriduciet it-talba b'tletin liri maltin u ghaxar centezmi (Lm30.10) li kienu ga thallsu mill-konvenuti u b'hekk il-bilanc mitlub gie ridott ghas-somma ta' elfejn mija u dsatax il-liri maltin u siittax il-centezmu (Lm2119.16);

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici, lill-konvenut u x-xhud prodott mill-konvenuti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Frar 2003;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li l-konvenuti huma debituri taghha fis-somma ta' elfejn mija disgha u erbghin liri maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm2149.26), bilanc ta' somma akbar, prezz ta' prodotti varji, konsistenti f'oggetti tal-cane u affarijiet tal-gnien, mibjugha bl-ingross mis-socjeta attrici lill-konvenuti. Fil-mori ta' dawn il-proceduri l-imsemmi ammont gie ridott ghas-somma ta' elfejn mija u dsatax il-liri maltin u siittax il-centezmu (Lm2119.16);

Da parti taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu li huma ma ghandhom jghatu xejn lis-socjeta attrici u li gara kien li l-konvenut accetta li jzomm xi oggetti tas-socjeta attrici fil-garaxx tieghu sakemm dawn jinbieghu. Il-konvenuti jeccipixxu ukoll li f'kull kaz il-konvenuta m'ghandiex x'taqsam peress li t-transazzjoni in kwestjoni saret fi zmien meta l-eccpijienti kienu ghadhom mhux mizzewgin;

Din l-ahhar eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi michuda, peress li ma ngiebet ebda prova in sostenn tal-istess eccezzjoni;

Fil-meritu l-versjoni tal-konvenuti tikkontrasta ma dik tas-socjeta attrici. Il-konvenut jghid li huwa minnu li l-oggetti in kwestjoni jinsabu fil-pussess tieghu. Huwa jghid li dawn gew ghandu, fil-garage tieghu, peress li s-socjeta attrici ma kellix post fejn izzommhom. Huwa jghid li ftiehem f'dan

ir-rigward mas-socjeta attrici fis-sens li l-oggetti setghu jinzammu fil-garage tieghu bil-patt li huwa seta' jbiegh minnhom kif ukolll setghet tbiegh minnhom is-socjeta attrici. Il-konvenut in effett ikkonferma li huwa biegh minn dawn l-oggetti, kif ukoll kien tella uhud mill-istess oggetti lis-socjeta atrici li kella l-bejgh taghhom. Ghar-rigward tal-oggetti li kien ibiegh, kien jaqta l-kummissjoni dovuta lilu u l-bilanc ihallsu lis-socjeta attrici. Il-konvenut jghid li f'dan ir-rigward huwa ttratta ma Stephen Rossi li kien jidher ghan-nom tas-socjeta attrici;

Din il-versjoni mhux ghal kollox verosimili u l-konvenut ma jispjegax certi dettalji. Il-konvenut ma jispjegax kemm kienet il-kummissjoni miftiehma li huwa kellu jiehu ghar-rigward tal-oggetti li jbiegh. Huwa lanqas ma jispjega ghal liema raguni huwa ried jghamel dan il-pjacir lis-socjeta attrici u di piu huwa ma ppretenda l-ebda hlas minghand l-istess socjeta attrici. Dan il-fatt zgur mhux spjegat mis-semplici fatt li l-konvenut kien klijent tas-socjeta attrici. Jirrizulta li l-konvenut hu negozjant u kien jixtri bl-ingross u wara jbiegh lil tal-hwienet u ghalhekk hu aktar kredibbli li in effett l-oggetti li kienu fil-garage tal-konvenut kienu gew ordnati u mixtrija mill-istess konvenut;

Is-socjeta attrici pproduciet fattura (fol.5 u 6) ghar-rigward tal-oggetti kollha in kwestjoni, liema oggetti s-socjeta attrici tghid li gew mibjugha lill-konvenuti. Il-konvenut ammetta li l-firma li tidher fuq dan id-dokument (fol.6) hi tieghu. L-ispjegazzjoni li jghati l-konvenut ghala huwa ffirma dan id-dokument mhux ghal kollox kredibbli. Barra minn hekk jirrizulta li l-konvenut ghar-rigward ta' din il-merkanzija ghamel tlett (3) pagamenti akkont;

Is-socjeta attrici pproduciet biex jixhed lill-imsemmi Stephen Rossi li kkonferma li qatt ma sar il-ftehim imsemmi mill-konvenut. Huwa kkonferma ukoll li l-merkanzija in kwestjoni giet importata mis-socjeta attrici

fuq ordni tal-konvenut u giet konsenjata lill-konvenut fil-garage tieghu. Dan ix-xhud qal li hu minnu li gieli l-konvenut intalab biex jiehu oggetti mill-merkanzija in kwestjoni ghand is-socjeta attrici u dana kien peress li l-istess socjeta attrici kienet irriservat li setghet tbiegh mill-istess oggetti mill-hwienet taghha. Ix-xhud spjega ukoll li f'hin minnhom is-socjeta attrici ma baqghetx tagixxi bhala l-agent tad-ditta estera minghand minn kienu jigu importati l-istess oggetti. F'dan ir-rigward is-socjeta attrici ttantat tbiegh l-oggetti li kien fadallu l-konvenut lill-agenti l-godda, pero' din l-operazzjoni ma rnexxitx anke tort tal-konvenut. Ix-xhud ikkonferma li fiz-zmien li gew imporati l-oggetti in kwestjoni s-socjeta attrici kella post fejn tahzen l-istess merkanzija;

Ghalhekk il-versjoni tas-socjeta attrici hi aktar verosimili u kredibbli;

Jigi rilevat li x-xhud prodott mill-konvenut, cioe' omm l-istess konvenut, semmiet biss dak li suppost qalla binha dwar ir-raguni ghala l-oggetti in kwestjoni tpoggew fil-garage tal-konvenut. Din ix-xhud ukoll mhux kredibbli. Difatti li qalet li ghalkemm la hi u lanqas binha ma kellhom interess kummercjali fl-oggetti li kienu qed jitpoggew fil-garage hi xorta wahda ghadet hafna attenta ghar-rigward tal-kwantita tal-merkanzija li kienet qed tiddahhal fil-garage;

In vista ta' dan kollu l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ghandhom jigu rigettati filwaqt li t-talbiet attrici, kif ridotti, jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti. In vista tal-fatt li s-somma mitluba giet ridotta fil-mori ta' din il-kawza l-imghaxxijiet ghandhom jibdew japplikaw mid-data ta' din is-sentenza;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u fit-tieni lok billi tilqa t-talbiet attrici, kif ridotti, u ghalhekk tikkundanna l-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn mija u dsatax il-liri maltin u sittax il-centezmu (Lm2119.16) bilanc ta’ somma akbar, prezz ta’ prodotti varji, mibjugha bl-ingross mis-socjeta attrici lill-konvenuti u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv;

Spejjes kollha kontra l-kovenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------